## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Edward Zahra**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Edward Zahra iben Victor u Maria Concetta nee Briffa, u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 507291M u li ġie mixli talli nhar l-24.07.2014 għal ħabta ta 07:30hrs waqt li kien ġewwa r-residenza San Vincenz De Paule, fi Triq l-Ingiered, Luqa :

A) inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' Michael Lawrence Borg inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B) Kif ukoll inġurja jew hedded, b'mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Michael Lawrence Borg u dan bi ksur tal-Art 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

C) Kif ukoll li kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Il-Qorti ġiet infurmata mill-Uffiċjal Prosekutur li huwa kien sprovvist mir-referta ta' Michael Lawrence Borg filwaqt li mill-banda l-oħra għalkemm kien f'qagħda li jeżebixxi r-referta ta'

Anthony Joseph Ebejer dan gie indikat mill-ġirien lill-Pulizija li huwa mejjet.

Il-Qorti rat ukoll li d-Difiża talbet lil Qorti l-prosegwiment tal-kawża stante n-nuqqas tar-referta pożittiva tax-xhieda li suppost kellhom jitħarku għal din il-kawża ta' natura sommarja.

Il-Qorti rat iċ-ċertifikati tan-notifika u kkonfermat dak mistqarr mill-Uffiċjal Prosekutur. Minn naħa tagħha, seduta stante, ippruvat mill-mezzi informatiċi għad-disposizzjoni tagħha tivverifika jekk dan ix-xhud Anthony Joseph Ebejer kienx reġistrat bħala mejjet fuq is-CDB; u fil-fatt minn din ir-riċerka dan irriżulta li ma kienx reġistrat bħala li kien mejjet. Biss fid-dawl ta' dan il-fatt, din il-Qorti ma tistax tqis li din ir-riferta kienet waħda pożittiva għall-finijiet u effetti tal-Liġi.

Mill-banda l-oħra il-Qorti kienet konfrontata bit-talba tad-Difiża għall-prosegwiment tal-kawża stante n-nuqqas ta' riferta valida u pożittiva taż-żewġ xhieda.

Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Peter Mifsud" deċiża nhar is-6 t'Ottubru 1998 fejn ġie deċiż illi huwa biss meta l-prosekuzzjoni ma tkunx f'qagħda li tinforma lil Qorti dwar ir-referta u tonqos mill-obbligi tagħha impost mill-Liġi li teżebixxi riferta pożittiva u valida ta' xhud, li allura, f'tali ċirkostanzi dan in-nuqqas għandu jmur a favur tal-akkużat li jkollu d-dritt li jitlob li l-proċeduri jitkomplew u ma jiġux imħollija għal data oħra u dan wara li l-Qorti tkun tat opportunita xierqa lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex jeżebixxi referti validi u pożittivi li jkollu għad-disposizzjoni tiegħu, jekk ikollu.

Il-Qorti fil-fatt tat l-opportunita kollha lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex jeżebixxi dawk ir-riferti kollha li kellu għad-disposizzjoni tiegħu matul is-seduta.

Inoltre, il-Qorti semgħet ukoll lill-Avukat Difensur itenni li f'dan il-każ, mid-data tan-notifika tal-komparixxi lill-imputat, l-istess imputat kien ġie sospiż mix-xogħol tiegħu b'nofs paga. Huwa tenna li ma setgħax jifhem kif, xhur wara l-akkadut ma kienx hemm interess muri mill-parte civile f'dawn il-proċeduri. Huwa tenna wkoll li fid-dawl tal-fatt li l-assistit tiegħu kien qiegħed sospiż mill-impjieg b'nofs paga u fid-dawl tal-fatt li kien hemm il-presupposti kollha mill-ġurisprudenza għalbiex din il-kawża titkompla, din il-Qorti kellha tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża seduta stante u mhux tiddifferixxi l-kawża għall-ġurnata oħra.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u fid-dawl ta' dak misjub fis-sentenza hawn fuq imsemmija, laqgħet it-talba u ordnat il-prosegwiment tal-proċeduri in bażi għall-provi prodotti quddiemha matul dik is-seduta.

Il-Qorti rat ukoll li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li, aparti dawk prodotti fl-atti, il-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduci.

Id-Difiza iddikjarat li ma kellhiex provi x'tipproduċi.

Reġgħet rat l-atti tal-kawża u rat li l-provi prodotti ma kienux jissodisfaw ir-regola tal-"best evidence rule" u li kien hemm minnhom li jinkorru fir-regola t'esklużjoni tal-"hearsay evidence".

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli 95, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, stante li l-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi il-Qorti qegħda ssib lil Edward Zahra mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tillberah minn kull ħtija u piena.

*Mogħtija illum 11 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.*